**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 168/2021 AGV;</u>**

**AB**

**U**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet, datat 27 ta' April 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-esponenti zzewgu fit- 23 ta' Awwissu 1997, ara Dok A, minn liema zwieg ghandhom tifel EB, li twieled fid- 19 ta' Lulju 1998.
2. Illi l-esponenti sseperaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis- 27 ta' Ottubru 2008, fl-att tan-Nutar Marco Farrugia ( Dok B), liema

kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-nutar James Grech , fl- 14 ta' Dicembru 2020 ( Dok. C).

3. Illi l-esponenti ilhom aktar minn erba' snin separati de facto u legalment, u ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. In oltre' bejn l-esponenti ma hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz ta' affidavits rispettivi taghhom esebiti, Dok D u Dok E;
4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV, tal- 2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu id-divorzju u / jew hall taz-zwieg taghhom.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, il-partijiet, umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, li gie ccelebrat Fit-23 ta' Awwissu 1997

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**